**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Brandon Ouliawi**

**Kumpilazzjoni Nru. 809/2024 AC**

**Illum, il-15 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Brandon Ouliawi** ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, imwieled il-Pieta', Malta, fit-tnax (12) ta' Settembru tas-sena elf u disa' mija u disgħa u disgħin (1999), ta' nazzjonalita' Maltija, iben missier mhux magħruf u Rita' nee' Borg, u residenti fl-indirizz Block 2, Entrance A, Flat 10, Triq il-Pellegrinaġġ, Bormla, Malta, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0322199M, li f'isem ir-Repubblika ta' Malta, kien akkużat talli fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa Block A, Flat 4, Ta' Ġannara, Triq il-Kanonku Pirotta, Birkirkara, Malta, u/jew f'xi post ieħor fil-gżira ta' Malta, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' l-**eks sieħba tiegħu Charlene Theuma li tiġi omm bintu minuri** f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq l-eks sieħba tiegħu **Charlene Theuma**, hekk kif ġiet iċċertifikata mit-tabib Dr Med Adrian Cordina bin-numru tar-reġistrazzjoni mediku 2641 minn ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana u Dr Med Rachel Cremona M.D. bin-numru tar-reġistrazzjoni mediku 4712 minn ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana u/jew tobba oħra, liema reat huwa aggravat stante li d-delitt sar fuq persuna msemmija fl-Artikolu 202(h) ossia persuna li kellha tarbija in komuni mal-ħati u/jew persuna li kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le, id-delitt sar fuq l-eks sieħba tiegħu Charlene Theuma li tkun qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat kif wkoll id-delitt sar fuq l-eks sieħba tiegħu Charlene Theuma li tkun jew li kienet f'relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u ċirkostanzi, kkawża lill-eks sieħba tiegħu **Charlene Theuma** li tiġi omm bintu minuri biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) u liema delitt huwa aggravat stante li ġie mwettaq kontra s-sieħba preżenti tiegħu jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, kif ukoll twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

3. U aktar talli rrenda ruħu riċediv ai fini tal-Artikolu 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Charlene Theuma u l-familjari tagħha billi jekk jidrilha li huwa xieraq u neċessarji u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex titratta l-każ skont il-Liġi wara li tieħu konjizzjoni tal-fedina penali u d-dokument ta' identifikazzjoni tal-imputat;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A, 28H (jekk ikun il-każ), 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-Liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 382, 382A, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' tal-parti leża;

Rat li l-imputat tressaq b'ċitazzjoni nhar it-30 ta' Ottubru 2024[1] quddiem din il-Qorti, fejn l-Uffiċjali Prosekuturi l-Avukat Dr. Valentina Cassar għall-Avukat Ġenerali u l-Ispettur Christian Cauchi għall-Kummissarju tal-Pulizija qraw u kkonfermaw l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat bil-ġurament;

Rat li fl-istess seduta, wara li sar l-eżami mingħajr ġurament skont il-Liġi[2], l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti eżebiti fl-atti proċesswali, senjatament:

1. Nota ta' **Charlene Theuma** li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tkun ammessa bħala Parte Civile f'dawn il-proċeduri[3];

2. *Fines Report* rigward multa bir-referenza 831/2021 dovuta mill-imputat f'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-01 ta' Ġunju 2021[4];

[1] Ara a fol 8 tal-proċess
[2] Ara a fol 7 tal-proċess
[3] Ara a fol 6 tal-proċess
[4] Ara Dok SCT1 a fol 14 tal-proċess

Semgħet ix-xhieda ta' **l-Assistent Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali Stephania Calafato Testa**[5] fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2024, li bil-ġurament tagħha tikkonferma li l-imputat ingħata multa bir-referenza 831/2021 permezz ta' sentenza mogħtija mill-Maġistrat Dr. Victor G. Axiak nhar l-1 ta' Ġunju 2021, u tiddikjara li sal-21 ta' Ottubru kien għad fadal bilanċ ta' €1650.04. Tikkonferma li għalhekk din il-multa għadha ma tħallsitx. Rat li fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2024[6], in vista tax-xhieda ta' **l-Assistent Reġistratur Stephania Calafato Testa**, il-partijiet bejniethom qablu li l-akkuża tar-reċidiva ma tissussistix, ġaladarba il-multa mertu tat-tielet imputazzjoni ma tħallsitx u għalhekk l-Avukat Ġenerali irtira l-istess imputazzjoni;

Rat li fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2024, l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu, u wara li tagħtu żmien xieraq sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu u jekk irid, jerġa' lura minn tali ammissjoni, l-imputat għal darb' oħra kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat id-dettami tal-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u fid-dawl tal-ammissjoni libera u inkondizzjonata tiegħu, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li kkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kien biss f'dan l-istadju li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tiegħu;

Għalhekk, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma hemmx raġuni tajba sabiex tiddubita li l-imputat huwa ħati minkejja li huwa ddikjara l-ammissjoni tiegħu, u tqis li l-imputazzjonijiet sopraċitati kienu sodisfaċentement ipprovati;

---

[5] Ara x-xhieda tagħha a fol 12 *et seq* tal-proċess
[6] Ara a fol 10 *et seq* tal-proċess

Rat li waqt is-seduta tas-7 ta’ Novembru 2024, il-Parte Civile iddikjarat li piena karċerarja effettiva fil-konfront tal-imputat ma tkunx waħda idoneja tenut kont iċ-ċirkostanzi, kif ukoll li *stante* li l-partijiet u ċioe’ l-Parte Civile u l-imputat għandhom wild in komuni, ma tixtieqx u mhux qed tinsisti fuq Ordni ta’ Trażżin fil-konfront tal-istess imputat;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li din il-kawża hija differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

Illi f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, l-imputat kien mixli li fis-sbatax (17) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u fid-dsatax (19) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), ġewwa Block A, Flat 4, Ta’ Ġannara, Triq il-Kanonku Pirotta, Birkirkara, Malta, u/jew f’xi post ieħor fil-gżira ta’ Malta, b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta’ l-**eks sieħba tiegħu Charlene Theuma li tiġi omm bintu minuri** f’periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe’ offiża ta’ natura gravi fuq l-eks sieħba tiegħu **Charlene Theuma**, hekk kif ġiet iċċertifikata mit-tabib Dr Med Adrian Cordina bin-numru tar-reġistrazzjoni mediku 2641 minn ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana u Dr Med Rachel Cremona M.D. bin-numru tar-reġistrazzjoni mediku 4712 minn ġewwa ċ-ċentru tas-saħħa tal-Furjana u/jew tobba oħra, liema reat huwa aggravat stante li d-delitt sar fuq persuna msemmija fl-Artikolu 202(h) ossia persuna li kellha tarbija in komuni mal-ħati u/jew persuna li kienet f’relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le, id-delitt sar fuq l-eks sieħba tiegħu Charlene Theuma li tkun qiegħda tgħix fl-istess dar bħall-ħati jew li kienet tgħix mal-ħati qabel ma twettaq ir-reat kif wkoll id-delitt sar fuq l-eks sieħba tiegħu Charlene Theuma li tkun jew li kienet f’relazzjoni mal-ħati kemm bil-ħsieb li tiżżewweġ u kemm jekk le;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u ċirkostanzi, kkawża lill-eks sieħba tiegħu **Charlene Theuma** li tiġi omm bintu minuri biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) u liema delitt huwa aggravat stante li ġie mwettaq kontra s-sieħba preżenti tiegħu jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament, kif ukoll twettqet vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

3. U aktar talli rrenda ruħu riċediv ai fini tal-Artikolu 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Minn kif intqal aktar 'il fuq, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2024, il-Prosekuzzjoni irtirat it-tielet imputazzjoni u ċioe' dik tar-reċediva, u għaldaqstant din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

Minkejja li meta l-imputat tressaq b'ċitazzjoni nhar it-30 ta' Ottubru 2024, meta sarlu l-eżami mingħajr ġurament fl-istess seduta, wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tiegħu, wara li kienet irtirata t-tielet imputazzjoni fil-konfront tiegħu, l-istess imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu għall-imputazzjonijet rimanenti, u ċioe' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2024. Wara li din il-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u wara li tagħtu l-opportunita' sabiex jikkonsulta mal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, kkonferma l-ammissjoni tiegħu;

In oltre, minn kif sostnut aktar 'il fuq, wara li din il-Qorti rat l-Artikolu 392A(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ma kellha l-ebda raġuni għalfejn tiddubita d-dikjarazzjoni ta' ħtija tal-imputat, u għalhekk in vista tal-istess dikjarazzjoni, din il-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra għajr li tiddikjara li l-akkużi fil-konfront tiegħu (naturalment ad esklużjoni tat-tielet imputazzjoni li ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni) ġew sodisfaċentement pruvati;

Fil-kalibrar tal-piena li għandha tkun inflitta, din il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni is-segwenti fatturi:

1. L-ammissjoni tal-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proċeduri, u għalhekk din il-Qorti ma kellhiex għalfejn taħli ħin u riżorsi sabiex tiġbor il-provi rigward il-mertu ta' dawn l-imputazzjonijiet. F'dan il-punt din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) deċiża fit-13 ta' Settembru 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Rosita Zammit**[7], fejn sostniet is-segwenti:

   *23. Illi jiġi rilevat illi l-appellanta ammettiet fil-proċeduri kriminali odjerni u għalhekk ir-regoli ġenerali li għandhom jiggwidaw il-Qrati fil-każijiet ta' ammissjoni bikrija fil-proċeduri kienu deskritti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha fil-kawża: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi** deċiża nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar tas-sena elf disa' mija sebgħa u disgħin (1997) u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** deċiża nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002).*

   *24. Illi f'din l-aħħar sentenza dik il-Qorti kkwotat minn Blackstone's Criminal Practice, (Blackstone Press Limited – 2001 edit.):*

   *a. "Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery ([1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender.*

[7] Appell Nru. 414/2023, deċiż mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġni 15-17; Ara wkoll f'dan is-sens Att t'Akkuża Nru. 3/2018/2 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello**, deċiża fis-26 ta' Ġunju 2024 mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, paġna 13-15, Kawża Nru. 20/2023 fl-ismijiet **The Police v. Mohamed Salim Saaou El Kaddouri**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali presjeduta mill-Maġistrat Dr. Elaine Rizzo nhar is-06 ta' Mejju 2024, paġna 4

*b. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a coaccused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908).*

*c. Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."*

fejn dawn il-Qrati argumentaw favur it-tnaqqis fil-piena f'każ li l-imputat jirreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u konsegwentement jiffranka l-ħin u spejjeż għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. F'dan il-każ jirriżulta li l-imputat irreġistra l-ammissjoni tiegħu fit-tieni seduta ta' nhar is-7 ta' Novembru 2024 meta l-ebda xhud fuq il-mertu tal-kawża ma kien laħaq iddepona;

2. L-ammissjoni tal-imputat li saret liberament u mingħajr ebda kundizzjoni u/jew riżerva;

3. In-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, senjatament l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, li jirrinkwadraw ruħhom fid-definizzjoni ta' "vjolenza domestika"[8] fil-kuntest ta' "familja jew unita' domestika"[9] hekk kif imfissrin fl-Artikolu 2 tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta[10] a rigward ir-reati kommessi fil-konfront ta' **Charlene Theuma**, li dawn saru ripetutament u fuq medda ta' żmien, kif ukoll l-akkuża li dawn l-imputazzjonijiet, anke jekk seħħew fi żminijiet differenti, kienu tali li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u saru b'riżoluzzjoni waħda hekk kif spjegat fl-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-portata ta' dawn l-imputazzjonijiet, speċjalment meta wieħed iqis l-aggravji addebitati lil dawn ir-reati;

4. Il-Fedina Penali netta tal-imputat;

5. Id-dikjarazzjoni tal-Parte Civile fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2024, li fil-fehma tagħha piena karċerarja fil-konfront tal-imputat m'hijiex waħda idoneja għaċ-ċirkostanzi, kif ukoll ix-xewqa tagħha li ma tkunx imposta Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat *stante* li għandhom wild in komuni;

Tenut kont dawn il-fatturi kollha flimkien, din il-Qorti tibda biex tirrimarka li dak li seħħ matul is-seduta tas-7 ta' Novembru 2024, partikolarment id-dikjarazzjoni tal-Parte Civile, ma jorbotha bl-ebda mod rigward il-piena li għandha tkun erogata, speċjalment meta tqis in-natura tar-reati li huma addebitati lill-imputat u l-portata tagħhom. Pero' huwa minnu wkoll li din il-Qorti għandha tqis ukoll l-aspett soċjali tal-każijiet ta' vjolenza domestika, fejn il-Qorti trid ukoll tagħti widen għax-xewqat tal-vittma fil-każ odjern speċjalment meta l-partijiet huma ġenituri ta' minuri. Għalhekk, il-Qorti tħoss li irid jinstab bilanċ bejn il-gravita' tar-reati kkontemplati bil-pieni li jġorru magħhom, u ċ-

[8] '"vjolenza domestika" tfisser l-atti jew l-ommissjonijiet kollha, inkluż il-vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ta' natura ekonomika li jikkawżaw ħsara u, jew tbatija fiżika jew morali, inkluż it-theddid ta' tali atti jew ommissjonijiet, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja u, jew f'relazzjoni intima, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fi ħdan il-familja u, jew relazzjoni intima.'

[9] Ara f'dan is-sens l-Artikolu 2(a) u (d) tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, li jsostnu s-segwenti:

"(a) konjuġi, imsieħba f'unjoni ċivili jew koabitanti skont l-Att dwar il-Koabitazzjoni, attwali jew passati u uliedhom;"

"(d) persuni li qegħdin jew li kienu f'relazzjoni sentimentali u, jew intima;"

[10] Att dwar il-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika

ċirkostanzi tal-każ odjern imsemmija aktar 'il fuq (senjatament l-ammissjoni tal-imputat, il-Fedina Penali netta tiegħu, u l-fatt li l-partijiet għandhom wild in komuni), sabiex fl-aħħar mill-aħħar, il-piena inflitta tkun waħda ekwa u ġusta. Tenut kont dawn il-fatturi kollha flimkien, din il-Qorti temmen li minflok tingħata piena karċerarja effettiva, jkun aktar idoneju li l-imputat jitqiegħed taħt forma ta' superviżjoni sabiex huwa jindirizza l-problema ta' rabja tiegħu, u dan taħt kundizzjonijiet stretti, bl-iskop aħħari li inċidenti bħal dawk imsemmija fl-imputazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri ma jirrepetux ruħhom, u dan għall-ġid tal-imputat stess, tal-Parte Civile, u tal-minuri li għandhom bejniethom.

**<u>Decide:</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(b), l-Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 202(h)(iv), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 202(h)(vi), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 216, l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 251(1), l-Artikolu 251(3), l-Artikolu 251B(1), l-Artikolu 251H(a), l-Artikolu 251H(b), l-Artikolu 251H(f), u l-Artikolu 251HA tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 2, l-Artikolu 2(b) u l-Artikolu 2(d) tal-Kapitolu 581 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu stess, **<u>issib lill-imputat Brandon Ouliawi ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija</u>**, iżda billi l-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hemm lok għal sentenza sospiża a tenur tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-Fedina Penali netta tiegħu, id-dikjarazzjoni tal-Parte Civile waqt is-seduta tas-7 ta' Novembru 2024, u l-fatt li l-partijiet għandhom il-wild in komuni u li għalhekk il-minuri m'għandux ikun imċaħħad mit-tgawdija tal-ġenituri tiegħu, kif ukoll il-bżonn li l-imputat jindirizza l-problema ta' rabja li għandu, **<u>b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta</u>** tissospendi t-terminu ta' sentejn priġunerija **<u>għal perjodu ta' 4 snin mid-data ta' din is-sentenza.</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fissret lill-imputat, issa l-ħati **Brandon Ouliawi** bi kliem ċar u sempliċi l-portata ta' din is-sentenza, inkluż ir-responsabbilta' tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta'

Malta f'każ li jonqos milli jaderixxi mal-kundizzjonijiet imposti minn din il-Qorti, u ċioe' li f'każ li jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, il-perjodu operattiv ma jibqax fis-seħħ, u l-piena ta' priġunerija ta' sentejn imsemmija aktar 'il fuq issir waħda ta' priġunerija effettiva.

*In oltre*, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'żieda mal-piena imposta, *stante* li hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa, u sabiex l-imputat, issa l-ħati **Brandon Ouliawi** jindirizza l-problema tiegħu ta' rabja għall-ġid tiegħu innifsu, tal-Parte Civile **Charlene Theuma**, u tal-wild li għandhom in komuni, qiegħda tordna li l-ħati **Brandon Ouliawi** jitpoġġa taħt is-superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti għall-perjodu operattiv kollha ta' din is-sentenza sospiża, u ċioe' għal żmien 4 snin mid-data ta' din is-sentenza.

*In oltre*, *ai termini* tal-Artikolu 28G(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti fissret lill-ħati **Brandon Ouliawi** l-obbligi tiegħu taħt dan l-Artikolu, u ċioe' li għandu jibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jimponi fuqu dak l-uffiċjal.

*In oltre*, għal dan il-għan, *ai termini* tal-Artikolu 28G(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti qiegħda tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien mad-digriet ta' Ordni ta' Superviżjoni hekk kif stipulat mill-Artikolu 28G(1) tal-istess Kapitolu, liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza, flimkien mad-digrieti kollha relattivi għall-istess sentenza, tkun komunikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole*, sabiex jappunta uffiċjal sorveljanti li *ai termini* tal-Artikolu 28G(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għandu jkun Uffiċjal tal-*Probation* sabiex jissorvelja lill-ħati **Brandon Ouliawi**, u li l-istess Uffiċjal tal-*Probation* għandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti kull tliet (3) xhur dwar l-andament tal-ħati **Brandon Ouliawi**.

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 382, l-Artikolu 382A, l-Artikolu 383, l-Artikolu 384 u l-Artikolu 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda, *stante* d-dikjarazzjoni tal-Parte Civile **Charlene Theuma** fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2024 li ma tkunx imposta Ordni

ta' Trażżin fuq l-imputat, issa l-ħati **Brandon Ouliawi**, qiegħda tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika l-provvedimenti ta' dawn l-Artikoli;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 15A, l-Artikolu 28H, l-Artikolu 532A, l-Artikolu 532B, u l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li m'hijiex f'posizzjoni li tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tapplika l-provvedimenti ta' dawn l-Artikoli, u dan *stante* nuqqas ta' provi rigward il-kwantifikazzjoni ta' danni sofferti, kif ukoll *stante* l-fatt li ma kienu nominati ebda esperti fil-kors ta' dawn il-proċeduri;

Il-Qorti tordna li a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kopja skenjata tal-atti proċesswali flimkien ma' din is-sentenza u d-digrieti relattivi għall-istess tkun ikkomunikata lill-Avukat Ġenerali, u dan fiż-żmien stipulat fil-Liġi.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**